MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Talba Numru. 153/2015

**Gordon Micallef (ID371690-M)**
**in rapprezentanza ta' Gordon's Moto Auto Dealer**

**vs**

**Lionel Gerada**
**(ID34387-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi l-intimat xtara mutur tal-ghamla Kawasaki, mudell Z750, kulur orangio, numru ta' registrazzjoni DBV-841, permezz tal-ftehim datat 21 ta' Frar, 2014;

Illi permezz tal-istess ftehim l-intimat intrabat li jhallas il-bilanc ta' elfejn, seba' mija, hamsa u disghin ewro (€2,795.00) minn somma ferm akbar permezz ta'

pagamenti rateali fl-ammont ta’ mija, hamsa u sittin ewro,  disgha u hamsin centezmu (€165.59c), liema ammont l-intimat ma hallasx nonostante li sarulu diversi interpellazzjonijiet anke permezz ta’ ittra ufficjali datata Lulju, 2014;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, imghax u interessi legali sal-hlas effettiv, spejjez tal-ittra ufficjali u kull spiza relatata mal-Mandat ta’ Qbid intavolat kontestwalment ma’ din il-kawza.

Ra d-dokument li gie pprezentat mal-Avviz tat-Talba, immarkat bhala Dok.‘A’.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn, seba’ mija, hamsa u disghin ewro (€2,795.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------